Diskors tal-President Marie Louise Coleiro Preca waqt il-Konferenza għall-Media – it-Tnejn 26 ta' Ottubru 2015 – dwar it-tħabbir tal-Audited Accounts tal-MCCF u l-Istrina 2015

**"L-ESPERJENZA TIEGĦI BĦALA PRESIDENT HIJA ROLLERCOASTER"**

Wara ftit iktar minn sena u nofs bħala President niddeskrivi din l-esperjenza bħal li kieku qiegħda fuq *rollercoaster*.

Ħalli nispjega għaliex qed ngħid dan. Pereżempju:

Filgħodu jkolli l-preżentazzjoni tal-Kredenzjali minn tliet jew erba' ambaxxaturi u nkunu tkellimna fuq l-investiment għal pajjiżna u kif se nkabbru l-kooperazzjoni u l-kollaborazzjoni bejn il-pajjiżi.

Kif inlesti nitkellem ma' omm, li l-jum ta' qabel issir taf li binha marid bil-kanċer.

Ftit wara nifraħ għax ħa niftħu ċ-ċentru ġdid ta' Karl Vella Foundation li se jieħu ħsieb lit-tfal ta' persuni morda serjament.

Ma jilħaqx jgħaddi wisq ħin li jinfurmawni li l-persuna li konna qed ngħinu bil-kimoterapija għal għadd kbir ta' xhur, ħallietna ta' età żgħira. Inċempel lil żewġha, u nħossni lanqas naf x'se ngħidlu, għax qalbi tinqasam għalih u għal uliedhom u nħossni li ngħidlu x'ngħidlu ma nistax infarrġu?

Imbagħad jinfurmawni li ċemplet kumpanija li qed toffri 10,000 ewro biex jgħinu lill-MCCF fl-ispejjeż tal-mediċini.

Immur inżur skola u niddiskuti mat-tfal dwar x'jagħmilhom ferħanin u nsib li ħafna mit-tfal mifnija bil-*bullying*. Inżur skola oħra u nsib żagħżugħ jgħidli li allaħares ma kinux l-għalliema u sħabu biex ħareġ minn *depression* meta kien fil-mument li jaċċetta li kien *gay*.

Nerġa' lura l-uffiċċju u jinfurmawni li Queven, li konna qed ngħinu fil-marda kontra l-kanċer, fieq kompletament, niltaqa' ma' ommu u missieru u jitrażmettu l-ferħ tagħhom li reġa' ġie f'ħajjithom.

Jkolli laqgħa mal-Bord tal-Fondazzjoni tal-President għall-Ġid tas-Soċjetà u jinfurmawni li l-applikazzjonijiet tat-tfal biex jattendu għall-attivitajiet fis-Secret Garden qed ilaħħqu mijiet kbar. Inħabblu moħħna kif se nagħmlu biex nassiguraw li nieħdu lil kulħadd.

Imbagħad insiefer. Nitkellem fis-summit tal-Ġnus Magħquda dwar il-miri ta' żvilupp sostenibbli 2030. Inħoss sens ta' kburija li Malta għandha viżibilità hekk qawwija minkejja li nazzjon żgħir, iżda wkoll vuċi li ma tlaqlaqx quddiem il-bżonnijiet tal-popli fid-dinja, u fl-istess ħin, jaqbadni swied il-qalb li minkejja qbil bejn il-mexxejja tad-dinja fuq dawn il-miri, xorta jibqgħu jinbnew il-ħitan minflok il-pontijiet, jibqgħu popli sħaħ itturufnati minħabba l-gwerer, il-kunflitti u l-persekuzzjonijiet, jibqgħu popli sħaħ f'faqar u miżerji...Tibqa' r-ras iebsa ta' dawk li suppost jafu aħjar.

Ftit jiem ilu mbagħad niġbru ‘l fuq minn 80,000 siegħa ta’ volontarjat, mingħand tant Maltin u Għawdxin. Esperiment li ma konniex nafu hux se jintlaqa’ u rnexxa.

Din hija l-esperjenza tiegħi bħala President. Qisni fuq *rollercoaster*… li minnha tgħallimt li meta nkun fuq ma rridx ninsa nħares ‘l isfel u meta nkun isfel, irrid nibqa’ nipprova nħares ‘il fuq.

Nassigurakom li mhux dejjem faċli u speċjalment f’dan l-aħħar xahar, għalija u għal dawk kollha li jaħdmu miegħi kien xahar iebes mimli qtigħ il-qalb, tama u kuraġġ. Moħħna fin-nies li weġġgħu u qalbna mal-familjari tagħhom.

**“L-UFFIĊINI TAL-MALTA COMMUNITY CHEST LI QED NIFTĦU LLUM JIKKUMPLIMENTAW IL-MOD ĦOLISTIKU KIF INĦARSU LEJN IL-PERSUNA FIL-BŻONN”**

Nixtieqkom tapprezzaw il-viżjoni li qed nippruvaw nagħtu lil Malta Community Chest Fund. Bħala prinċipju aħna nagħmlu ħilitna li ngħinu mill-ewwel lil dawk fil-bżonn jew f’mard jew f’każijiet soċjali oħra. Hawn min jaħseb li għandna ngħinu lil kulħadd, jiġifieri qed inħaddmu sistema universali. L-MCCF m’għandhiex riżorsi li tgħin lil kulħadd, jiġifieri immaterjalment jekk għandekx mezzi jew le. Ir-riżorsi li għandna huma limitati għal dawk li jew għandhom mezzi limitati jew m’għandhom xejn.

Filwaqt li ngħinu b’mod materjali, iżda ma niqfux hemm. Pereżempju, dik il-persuna li tajnieha xirja llum għenniha ssolvi problema ta’ llum, iżda għada se jerġa’ jkollha l-problema. Għalhekk waqqafna unit psiko-soċjali biex noffru servizz ta’ professjonisti u assistenza oħra biex fejn nistgħu dik il-persuna jew familja ma jkollhiex bżonn aktar dik ix-xirja, biex dik il-persuna jew familja ma jkollhiex bżonn aktar lill-istess Malta Community Chest Fund.

L-għan li ngħinu biex naqtgħu d-dipendenza, nindirizzaw il-faqar, li nagħtu d-dinjità billi l-persuna u l-familja nħarsu lejn il-problema bażika u mhux nindirizzaw biss l-effett ta’ dik il-problema. B’hekk inkunu qed ngħinu biex il-persuna jew familja ngħinuha tqum fuq saqajha.

Din hija x-xewqa u r-rieda tagħna u qed naħdmu għaliha. Naturalment irrid inkun realista u nżomm saqajja mal-art, u għalhekk irrid nistqarr li hemm min mhux possibbli li miegħu jirnexxielna, minħabba mard, diżabilità eċċ, iżda nibqgħu nippruvaw u fejn ma jirnexxix nibqgħu nagħtu l-wens.

Għal dan il-għan ħloqna struttura u llum nixtiequ nistiednukom biex taraw l-uffiċini l-ġodda li jikkumplimentaw din l-istruttura. Huma uffiċini umli li jirrispettaw lin-nies li jiġu hawn għal għajnuna.

F’dan il-kuntest, biex naħdmu mal-persuna jew familja, għamilna l-post għal żewġ kmamar tat-terapija biex proprju l-MCCF tindirizza l-persuna jew il-familja b’mod ħolistiku. Ma’ dan ukoll qed nagħmlu għadd ta’ sigħat f’*outreach*, fejn il-

professjonisti tagħna, anke jżuru lill-persuna jew lill-familja fid-dar tagħha stess. Dan isir skont il-ħtieġa.

**"FL-ISTRINA NEMMEN LI SE NKOMPLU NGĦINU GĦAX LILNA L-MALTIN U L-GĦAWDXIN,nJAGĦRFUNA MILL-ĠENEROŻITÀ TAGĦNA"**

L-Istrina din is-sena se terġa' tkun festa ta' solidarjetà. Bħas-soltu jiena ma nħossx li għandi noqgħod inħeġġeġ lin-nies biex ikunu ġeneruzi għax hija fl-għaġna tal-Maltin u l-Għawdxin li jkunu ġenerużi.

L-Istrina hija l-ġurnata li fiha jinġabru l-fondi li jtaffu mill-piż tas-sena kollha. Aħna ma rridu qatt li niġu f'pożizzjoni li ngħidu le lil xi persuna li verament tkun fil-bżonn, għax għandha każ ta' mard, diżabilità jew problemi soċjali. L-Istrina hija t-tama tagħna li din ma tiġri qatt.

**"NAPPELLA LILL-GVERN LI JESTENDI T-TNAQQIS FIT-TAXXA LILL-KUMPANIJI LI JAGĦTU DONAZZJONIJIET, GĦALL-NGOs KOLLHA"**

Il-Malta Community Chest Fund temmen li għandha tagħti support lill-NGOs oħra li qed jagħtu kontribut lil dawk fil-bżonn f'oqsma differenti. Mhux biss temmen imma fil-fatt, permezz tal-Istrina, tqassam parti sew milli tiġbor lill-NGOs. Din is-sena se nkunu tajna 900,000 ewro f'żewġ sejħiet. L-ewwel sejħa għal proġetti soċjali se nkunu tajna 700,000 lil 38 NGO differenti.

Bħala Malta Community Chest Fund, aħna m'għandna l-ebda għajnuna finazjarja mill-Gvern jew minn xi *budget* nazzjonali.

Madankollu jiena naqbel li l-Gvern għandu jestendi l-inizjattiva li "l-kumpaniji jiffrankaw it-taxxa" jekk jgħinu lill-NGOs kollha f'Malta kif bħalissa qed jiġri mal-MCCF.

Grazzi u issa nistieden lis-Sinjura Claire Micallef Pule, biex idawwarkom mal-uffiċini l-ġodda tal-MCCF.